

Brussell, 12 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11073/22

AGRI 320
AGRIFIN 67
AGRIORG 68

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness sommarju tas-sitwazzjoni fis-swieq agrikoli ewlenin tal-UE, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna, bil-ħsieb tad-diskussjoni ministerjali fil-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") fit-18 ta' Lulju 2022.

Il-Presidenza tipproponi li l-iskambju ta' fehmiet għandu jiffoka fuq iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin sabiex tiġi verifikata s-sitwazzjoni attwali u jiġu evalwati passi ulterjuri:

1. L-Istati Membri kif iqisu l-prospetti għall-ħsad ta' din is-sena fid-dawl tal-kriżi fl-Ukrajna, bil-ħsieb li jstabilizzaw il-provvisti ta' ċereali biex jissodisfaw kemm id-domanda intra-UE kif ukoll dik dinjija?
2. X'esperjenza għandhom l-Istati Membri fit-tnejn għall-implimentazzjoni tal-għajnuna ta' aġġustament eċċezzjonali għall-produtturi fis-setturi agrikoli jew miżuri oħra li ttieħdu jew li għandhom jittieħdu? X'miżuri oħra jissuġġerixxu l-Istati Membri?

Is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu

Introduzzjoni

1. Fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna, is-sitwazzjoni ekonomika fis-settur agrikolu bħalissa hija diffiċli ħafna.
2. L-imblokk attwali tal-portijiet tal-Baħar l-Iswed mir-Russja kkawża nuqqas fl-esportazzjonijiet Ukraini ta' ċereali bażiċi. Il-prezzijiet laħqu livelli rekord fis-suq għalkemm ġie osservat xi rilassament f'dawn l-aħħar ġimgħat. Il-produtturi tal-għalf kompost, kif ukoll il-proċessuri downstream, jitolbu materja prima li hija diffiċli tinkiseb minħabba provvista limitata u prezzijiet għoljin. L-impatt tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna fuq is-swieq tal-enerġija u tal-input agrikolu huwa sinifikanti wkoll. Ir-Russja hija esportatur ewlieni taż-żejt u tal-gass naturali. B'mod ġenerali, l-agrikoltura u l-ktajjen tal-provvista dinjija tagħha jiddependu fuq fjuwils fossili (żejt u gass naturali).
3. Il-prezzijiet għoljin tal-input għandhom impatt maġġuri fuq il-produzzjoni agrikola u l-manifattura downstream. F'dan ir-rigward, l-aktar setturi intensivi fl-enerġija huma l-aktar affettwati. Setturi oħra tal-produzzjoni agrikola, speċjalment dawk b'valur miżjud ogħla, qed jiffaċċjaw ukoll problemi ekonomiċi minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-input. Is-sitwazzjoni mhijiex mistennija li titjieb fit-terminu qasir. Minn perspettiva tas-sigurtà tal-ikel, is-sitwazzjoni tista' tkun ta' sfida jekk dawn ix-xejriet jippersistu, iżda s-sigurtà tal-ikel u l-provvista tal-ikel bħalissa mhumiex mhedda fl-UE, bis-saħħa tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel tal-UE. Il-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE u l-pjattaformi ta' pariġġar rilevanti ġew stabbiliti biex jgħinu fl-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi mill-Ukrajna.

Is-sitwazzjoni fis-setturi ewlenin

4. F'termini ta' swieq agrikoli speċifiċi tal-UE, it-temp xott u sħun poġġa pressjoni sinifikanti fuq xi għelejjel li jinħadmu. Il-produzzjoni ta' **ċereali** issa hija mistennija li tkun 2.5 % inqas milli kienet fl-2021. Ir-rendimenti tal-ġirasol huma mistennija li jkunu partikolarment tajbin, li jirriżultaw f'żieda annwali ta' 6.9 % fil-produzzjoni, u li jilħqu rekord ġdid ta' 11-il miljun tunnellata. Il-produzzjoni taz-zokkor hija mistennija li tonqos b'5 % fis-sena, iżda tibqa' skont il-medja ta' 5 snin u l-istokkijiet huma f'livell suffiċjenti. L-użu ta' għelejjel li jinħadmu għall-bijofjuwil mistenni li jkun stabbli peress li l-irkupru fid-domanda għall-fjuwils wara l-pandemija ġie mrażżan mill-prezzijiet għoljin.
5. Iż-żoni ta' **żrieragħ żejtnin** tal-UE għall-ħsad fl-2022/23 żdiedu b'mod sostanzjali (7.5 % sena wara sena) minħabba prezzijiet għoljin u d-deroga temporanja li tippermetti ż-żriġ ta' għelejjel fuq raba' mistrieħ. B'mod partikolari, it-tħawwil tal-ġirasol żdied l-aktar minħabba r-rekwiżiti baxxi taġħhom tal-ilma u tal-fertilizzazzjoni. Il-produzzjoni ta' żrieragħ żejtnin fl-UE hija mbassra li tkun 32.1 miljun tunnellata (+7.8 % / medja ta' 5 snin), li jinkludi rekord ta' 11.1 miljun tunnellata ta' żerriegħa tal-ġirasol, li tippermetti kumpens għat-telf ta' provvisti mill-Ukrajna.
6. L-istaġun ta' kummerċjalizzazzjoni 2022/23 taz-**zokkor** fl-UE mistenni li jibda bi stokkijiet tal-bidu ta' 1.9 miljun tunnellata (+58 % aktar mill-aħħar staġun). Il-produzzjoni hija mbassra li tkun 15.8 miljun tunnellata, skont il-medja ta' 5 snin, filwaqt li l-konsum mistenni li jibqa' stabbli.
7. Iż-żieda fil-produzzjoni 2022/23 taż-**żejt taż-żebbuġa** fl-UE ta' 11 % kienet appoġġata minn kontenut oġhla ta' żejt fiż-żebbuġ. Il-prezzijiet oġhla mill-medja tal-produtturi tal-UE taż-żejt taż-żebbuġa x'aktarx li jippersistu minħabba spejjeż għoljin sostnuti ta' input u trasport, u prezzijiet għoljin ta' żjut u xaħmijiet oħra. L-esportazzjonijiet tal-UE huma mbassra li jonqsu meta mqabbla ma' livell rekord is-sena l-oħra filwaqt li huwa mistenni xi rkupru fil-konsum fl-UE. L-istokkijiet finali jistgħu jkunu aktar baxxi milli mistenni, u joqorbu lejn produzzjoni tal-UE li x'aktarx tkun inqas mill-medja fl-2022/23.

8. Minkejja t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-importazzjonijiet tal-**inbid** fl-UE fl-2021/22, il-konsum mistenni li jżied b'5 % għal 23 litru per capita minħabba inqas esportazzjonijiet u tnaqqis fl-użu tal-produzzjoni vinifikata għal "użi oħra" (distillazzjoni, hall, brandies). Meta jixtru, il-konsumaturi qed joqogħdu dejjem aktar attenti għall-oriġini tal-inbid, segwiti mit-togħma u l-marka.
9. Il-konsum per capita fl-UE fl-2022 ta' **ħawħ u nuċiprisk friski** mistenni li jżied għal 6.1 kg (xorta taħt il-medja fit-tul) minkejja l-kapaċità tal-akkwist aktar baxxa. Dan jista' jkun bis-saħħa ta' produzzjoni ogħla, it-temp tajjeb u r-ritorn tat-turiżmu.
10. Wara staġun tajjeb ħafna fl-2021 bi produzzjoni għolja, konsum tajjeb, kwalità tajba ħafna u stokkijiet baxxi, il-produzzjoni tat-**tadam** fl-UE fl-2022 mistennija li tonqos b'9 % għal 16.5 miljun tunnellata. Il-produzzjoni għall-ipproċessar hija mbassra li tonqos b'14 % u l-produzzjoni għall-konsum frisk bi 3 % sena wara sena. It-tnaqqis fil-produzzjoni huwa dovut għan-nixfa, domanda mistennija aktar baxxa, bidla għal għelejjel alternattivi u aktar profittabbli u inqas tħawwil fis-serer minħabba l-ispejjeż għoljin ħafna tal-enerġija.
11. Il-prezzijiet tal-**prodotti tal-ħalib** fl-UE huma fl-livelli rekord. Filwaqt li l-prezzijiet tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) u tat-trab tal-ħalib sħiħ (WMP) tal-UE għadhom relattivament stabbli (iżda għoljin) u l-prezzijiet tax-xorrox juru xi tnaqqis, oħrajn qed ikomplu jżiedu. Dawn l-iżviluppi jappoġġaw il-prezzijiet tal-ħalib mhux ipproċessat fl-UE fl-livelli rekord. Minkejja dan, il-marġini tal-azjendi agrikoli għadhom ristretti minħabba l-ispejjeż għoljin ta' input. Minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp xott u sħun matul ir-rebbiegħa – li affettwaw il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ħaxix u ta' komponenti oħra tal-għalf – l-iżvilupp tar-rendiment tal-ħalib fl-UE jista' jkun aktar baxx milli mistenni aktar kmieni fl-2022 (0.4 %), affettwat ukoll minn tnaqqis fl-użu tal-għalf bħala riżultat tal-ispejjeż għoljin tal-għalf. Flimkien ma' merħla tal-ħalib iżgħar (-1 %), il-kunsinni tal-ħalib tal-UE huma għalhekk mistennija li jonqsu b'0.6 % fl-2022. It-tnaqqis fil-kwalità tal-ħaxix u t-tnaqqis fl-użu tal-għalf minħabba d-disponibbiltà u l-ispejjeż x'aktarx li jnaqqsu wkoll il-kontenut tax-xaħam u tal-proteini tal-ħalib, biex b'hekk ikomplu jnaqqsu d-disponibbiltà tas-solidi tal-ħalib għall-ipproċessar. Il-produzzjoni tal-ġobon u tal-krema fl-UE tista' tkompli tikber u tnaqqas id-disponibbiltà tax-xaħam tal-ħalib għall-produzzjoni tal-butir u tad-WMP. Hija mistennija żieda fl-esportazzjonijiet tal-ġobon, u l-użu domestiku tal-prodotti tal-ħalib jista' jikber xi ftit fl-2022 (0.3 %), jekk wieħed jassumi bejgħ bl-imnut sostnut u l-irkupru tas-servizzi tal-ikel, kif ukoll trażmissjoni limitata ta' prezzijiet għoljin tal-produtturi tul il-katina għall-konsumaturi.

12. Fir-rigward tal-**laħam**, il-produzzjoni taċ-ċanga fl-UE mistennija li tonqos b'0.5 % fl-2022, prinċipalment minħabba aġġustament strutturali fis-settur taċ-ċanga u tal-ħalib, minkejja prezzijiet għoljin. L-esportazzjonijiet tal-UE għandhom jiżdiedu prinċipalment għas-swieq eżistenti ta' valur għoli iżda huma ristretti minn prezzijiet domestiċi oġhla minn qatt qabel. L-importazzjonijiet tal-UE qed jiżdiedu minħabba l-provvista Brażiljana. Tħassib dejjem akbar dwar l-ambjent, prospetti ta' esportazzjoni mnaqqsa, spejjeż ta' input għoljin sostnuti u d-Deni Afrikan tal-Ħnieżer (ASF) mistennija li jannullaw l-inċentiv tal-prezz għoli tal-laħam tal-majjal u jirriżultaw fi tnaqqis fil-produzzjoni. L-UE forniet liċ-Ċina matul sentejn tal-kriżi akuta tal-ASF, filwaqt li issa r-Renju Unit reġa' sar l-ewwel destinazzjoni tal-esportazzjoni tal-UE. Il-produzzjoni tat-tjur fl-UE mistennija li tistabbilizza ruħha fl-2022. Il-prezz tat-tiġieġ tas-simna fl-UE huwa għoli biżżejjed biex jikkumpensa għall-ispejjeż għoljin tal-input u l-Influenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja tkompli tinfirex, fost fatturi oħra. Il-kummerċ mar-Renju Unit jerġa' jogħla għal-livelli ta' qabel il-Brexit iżda l-UE qed titef is-sehem f'xi swieq tal-esportazzjoni. L-importazzjonijiet mistennija li jirkupraw parzjalment għal-livelli tal-2016-19, għalkemm il-flussi kummerċjali mal-Ukrajna jgħibu xi ftit aktar inċertezza. Minkejja l-livell baxx storiku tal-merħla tan-nagħaġ u tal-mogħoż fl-UE, l-għadd mibgħut għall-qatla mistenni li jistabbilizza fl-2022. Il-kummerċ x'aktarx jissokta iżda l-livelli jibqgħu relattivament baxxi, li jwassal għal prezzijiet domestiċi għolja sostnuti.

Konklużjoni

13. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna fixklet b'mod sinifikanti s-swieq agrikoli dinjija u tal-UE u ħolqot insigurtà tal-ikel dinjija fil-perjodu ta' rkupru ta' wara l-Covid diġà kkaratterizzat minn pressjonijiet inflazzjonarji li jikkonċernaw l-enerġija, il-materja prima, il-fertilizzanti u l-merkanzija. Il-prezzijiet agrikoli dinjija żdiedu bi 30 % mill-bidu tal-invażjoni, għalkemm ġie osservat xi rilassament f'dawn l-aħħar ġimgħat. Il-kundizzjonijiet tat-temp fl-UE, b'mod partikolari l-perjodu ta' nixfa mtawwal li jaffettwa diversi reġjuni, qed joħolqu aktar sfidi għall-ħsad il-ġdid, li mistenni jonqos aktar milli kien previst inizjalment.

14. Filwaqt li l-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għall-ikel, b'surplus massiv fil-kummerċ agroalimentari, u s-suq uniku tal-UE għal darb'oħra jista' jkun mistenni li juri l-kapaċità tiegħu li jassorbi x-xokkijiet, hemm tħassib dejjem akbar dwar l-affordabbiltà minħabba prezzijiet għoljin u pressjonijiet inflazzjonarji. Il-konsum tal-ikel fil-volum jista' jidher li ma nbidilx iżda mistenni tnaqqis fil-valur tal-konsum, peress li xi konsumaturi u proċessuri tal-ikel jistgħu jitbiegħdu minn prodotti ta' valur ogħla għal prodotti orħos.
-